# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 47/K8/18**

Data tal-laqgħa: 15 ta' Ġunju 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (1)**

Il-Kunsillier Edgar Montanaro

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

47.1.01 Il-Kunsillier Edgar Montanaro talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-lum. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġi skużat.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

47.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 46/K8/18 għall-approvazzjoni.

47.2.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 46/K8/18.

47.2.03 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni ta' Minuti 46/K8/18.

47.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

47.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt 46.2.08 dwar il-Lands Department jekk ingħatax l-leasing biex jerġgħu jġeddu għall ħmistax il-sena. Huwa ġie nfurmat mis-Segretarju li din l-ittra ntbagħtet.

47.2.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt jekk kienx hemm żvilluppi dwar l-ATM ta' Ta' Ġiorni, huwa ġie nfurmat li fil-laqgħa li għaddiet ġie approvat it-*tender*.

47.2.07 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar jekk konniex irċevejna mir-residenti ta' Gort Street dwar il-platform li kien hemm. Huwa ġie nfurmat li mir-residenti irċevejna l-korrispondenza u din intbagħtet lid-Dipartiment ikkonċernat.

47.2.08 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt jekk kienx hemm żvilluppi dwar it-*town centre management committee*. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li rċivejna MOU, u huwa nforma lill-Kunsill li wara li l-Kumitat Amministrattiv Paceville qabel mal-MOU, l-aħħar deċiżjoni finali għandha dejjem tkun tal-Kunsill.

47.2.09 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvillupi dwar Triq Zammit Clapp, iċ-Ċermen infurmah li min-naħa tiegħu kellem lill-kuntrattur is-Sur Stivala.

47.2.10 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt jekk ġietx sottomessa l-oġġezzjoni ta' l-ITS. Huwa ġie nfurmat li din ġiet sottomessa.

47.2.11 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt jekk il-Perit kellimx lil ta' Tikka Flats, fi Triq il-Kbira, huwa nforma lill-Kunsill li s'issa r-residenti ma rċievew xejn. Huwa ġie nfurmat li min-naħa tagħna ser nerġgħu nkellmu lill-Perit sabiex jibgħat ir-rapport min-naħa tiegħu.

47.2.12 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar l-*advertising bollards* li hawn fil-lokalita' huwa spjega li dawn qegħdin perikolużi speċjalment dawk li qegħdin ħdejn l-istages. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Segretarju ser jipprepara pjanta u issir laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

47.3.01 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar it-*tarmac* li sar ġewwa Paceville. Il-Kunsillier Martin John Sultana ġibed l-attenzjoni li s-sinjali tat-triq ma sarux. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li min-naħa tat-Transport Malta ma ġejnix infurmati dwar meta dawn it-toroq kienu ser isiru bit-*tarmac*.

47.3.02 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-ħsara li hemm fis-soqfa f'ta' Ta' Ġiorni fejn kienet diġa inkitbet ittra min-naħa tal-Kunsill lill-Housing Authority u ser terġa tintbagħat ittra.

47.3.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju 2018 ser issir laqgħa dwar tindif u knis mal-*Cleansing Service Directorate.*

47.3.04 Il-*Bye-law* dwar ix-xorb alkoħoliku għadha pendenti u għadha quddiem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

47.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill fir-rigward il-Monument tal-Gwerra li kellu jsir, fejn min-naħa tal-Kunsill nġabu żewġ kwotazzjonijiet. Waħda mill-kwotazzjonijiet hija ta' €18,000 filwaqt li l-oħra hija ta €6,000. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża jiġifieri dik ta €6,000 ta' Agius Marble. Fir-rigward il-Monument ta' Ġuże Tanti, għadna qed nistennew mill-MEPA.

47.3.06 Iċ-Ċermen spjega dwar it-taraġ tal-Knisja li qed isir tisbiħ fuqu. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser jiġu rranġati wkoll il-bozoz li hemm.

47.3.07 Iċ-Ċermen spjega li s-servizz tal-*mini bus* beda'. Dan is-servizz ser jiġi provdut kuljum mill-15 ta' Ġunju 2018 sal-15 ta' Settembru 2018 l-ewwel vjaġġ ikun fid-9.30p.m. u it-tieni vjaġġ ikun fl-10.30p.m. mill-Balluta.

47.3.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar żewġ arbli Arbli tal-go fi Triq Lapsi li mhux qed jintużaw. Għaldaqstant talab sabiex dawn jitneħħew.

**47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

47.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

**47.5 Management Letter;**

47.5.01 Is-Segretarju ta spjegazzjoni tal-Management Letter li tintbagħat mingħand l-Awdituri ta' kull sena. Huwa spjega li ġiet ippreparata r-risposta tagħna. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel mar-risposta tal-Management Letter.

**47.6 Diskussjoni fuq il-ġbir ta' l-iskart għax-xhur tas-Sajf;**

47.6.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li peress li issa ġej is-sajf l-iskart għandu jinġabar darbtejn speċjalment il-borża s-sewda. Ġie deċiż li nhar ta' Tlieta u Ġimgħa tinġabar ukoll il-borża s-sewda wara l-ħin li tinġabar il-griża. Il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona li tintbagħat ittra lir-residenti kollha sabiex jiġu nfurmati bil-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir ta' skart. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul issekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.7 Kuntratt tal-Parks & Gardens;**

47.7.01 Iċ-Ċermen spjega dwar il-problema dwar il-kuntratt tal-Parks & Gardens, huwa spjega u qara l-ittra li ntbagħtet lill-kuntrattur u ingħata perjodu ta' xahar biex jirrispondi din l-ittra li kienet qed tittermina l-kuntratt. Ġiet diskussa l-possibilita' li fit-tender il-ġdid tal-Parks & Gardens ikun maqsum fi tnejn, parti l-ġonna u l-parti l-oħra s-*soft areas*. Kien hemm qbil fuq dan is-suġġeriment u s-s-Segretarju kellu jlesti abbozz li jkun għall-iskutinju tal-Kunsilliera. Inġabru wkoll tlett kwotazzjonijiet sabiex parti sostanzjali minn dan il-kuntratt jiġi eżigwit minn kuntratturi oħra għall-perjodu ta' tlett xhur sakemm jingħata l-kuntratt il-ġdid. Is-Segretarju kellu jagħżel l-irħas offerta.

**47.8 Talbiet żgħar;**

**47.8.01 Email mingħand l-Uffiċċju Elettorali dwar il-konfini bejn Pembroke u San Ġiljan; (Inc. 3734/18)**

47.8.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email mingħand l-Uffiċċju Elettorali dwar il-konfini bejn Pembroke u San Ġiljan.

**47.8.02 Ittra mill-Awtorita' tal-Artijiet dwar it-tiġdid tal-kera tal-Kumpless Dun Anton Sciberras; (Inc. 3693/18)**

47.8.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'ittra mill-Aworita' tal-Artijiet dwar it-tiġdid tal-kera tal-Kumpless Dun Anton Sciberras.

**47.8.03 Email mingħand is-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina dwar il-Lifelong Learning Courses. (Inc. 4024/18)**

47.8.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina dwar il-*Lifelong Learning Courses*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill mhux ser japplika.

**47.8.04 Email mingħand is-Sur Tommy Debono f'isem it-Transport Malta dwar iż-żebra crossing fi Triq Ross (Inc. P150/18)**

47.8.04.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand is-Sur Tommy Debono f'isem it-Transport Malta dwar iż-żebra crossing fi Triq Ross.

**47.8.05 Email mingħand is-Sinjura Lianne Mifsud f'isem l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar EU Town Twinning El Verger Spanja (Inc. 4219/18)**

47.8.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Lianne Mifsud f'isem l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar EU Town Twinning El Verger Spanja. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax għaliha.

**47.8.06 Email mingħand is-Sur Ghada Ramadan b'talba sabiex isiru Pedestrian Crossing Advertising (Inc. 3087/18)**

47.8.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Ghada Ramadan b'talba sabiex isiru Pedestrian Crossing Advertising. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill qieghed jirrifjuta t-talba tiegħu iżda jirringrazzjah.

**47.8.07 Email mingħand is-Sur Andrew Schembri f'isem #żibel team dwar Poseidon Statue. (Inc. 4256/18)**

47.8.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Andrew Schembri f'isem #żibel team. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir.

**47.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

47.09.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 41/KA2/18 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**47.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

47.10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

47.10.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

47.10.03 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli ssekondatu.

**47.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

47.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4440 sa 4473. (Ara Appendiċi 'B')

47.11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**47.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

47.12.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 19 ta' Lulju 2018 fl-4.30p.m.

47.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 19 ta' Lulju 2018